ma kienx jasa' aktar minn tnejn min-nies; u bejn dat-tnejn, imnikktin, minsijin, imwerwrin, għalihom qalb kotra kbira, kienet malajr nibtet midħla, ġibda, li bilkemm kienet tista' tiġi milli kienu ilhom qatigħ igħammru flimkien. F'qasir żmien, Luċija ħassitha tajba biżżejjed li tista' tgħin lill-oħra, li kienet sabet ruħha magħdura għall-aħħar. Issa li din ukoll kienet ħelsitha kienu jwennsu, jagħmlu l-qalb u jindukraw waħda lill-oħra; kienu taw il-kelma lil xulxin li ma joħorġux mil-lazzarett, jekk mhux flimkien, u kienu għamlu xi ftehim ieħor biex ma jinfirdux anqas wara. Inneguzjanta, li billi kienet ħalliet lil ħuha, kummissarju tas-Saħħa, li jagħmlilha għassa għad-dar, il-fondoq u s-senduq, imgħammrin kollha sewwa, kienet sejra tisfa s-sidt weħedha u mdejqa ta' aktar minn dak li kien jinħteġilha biex tgħix fil-wisa', riedet iżżomm lil Luċija magħha bħala bintha jew oħtha. Luċija kienet mielet għaliha, inħallik taħseb b'liema turija ta' qalb lejha u lejn Alla li jaħseb għal kulħadd: imma biss sakemm kienet jista' jkollha aħbarijiet t'ommha u tkun taf, kif kienet tittama, ir-rieda tagħha. Mill-bqija, ta' ftit kliem kif kienet, la fuq il-wegħda li tat taż-żwieġ, la fuq il-ġrajja mhux ta' kuljum l-oħra li għaddiet minnhom, ma kienet qatt ħarġet kelma minn fommha. Imma issa, f fawra hekk qawwija tal-qalb, ħasset il-ħtieġa li tinfexx, daqskemm għall-anqas l-oħra x-xewqa li tisma'. U tagħfsilha b idejha t-tnejn idha l-leminija, qabdet malajr twieġeb għall-mistoqsija, mingħajr żamma oħra ħlief dik li kien jagħmlilha l-ilfiq.

Dun Pawl

## Għad jerġa' jisbaħ....

Għaddej minn fuq l-Ewropa lejl ta' biża',
U għadu fil-bogħod wisq id-dawl tas-sebħ...
Imma, xħin jisbaħ, jerġa' jkollna l-barka,
Il-ħajr tas-sliem, u l-ferħ u l-ġmiel tar-'rebħ'.

****

## GHALIEX MELA..! ?

Aħna nafu, Mulej, li ħtija tagħna
Il-ħrib li qed isir fuq din l-art tiegħek;
Imm' Int Alla ħanin u bans tismagħna
Jekk aħna sogħbenin nitħaddnu miegħek.

Ħares, Mulej, kemm għandu id setgħana
Il-ħajjen li kull jedd fit-tajn imiegħek:
qabel ma l-Qada jasal biex jiblagħna,
Urih, urih, Mulej, kemm jiflaħ Driegħek.

Int għajn ta' Ħaqq u Ħniena: biex tifdina
Mid-dnub ewlieni, bgħatt lil Ibnek f'sura
Mewwieta, u fuq salib ħallas għalina.

Ismu sabiħ u qawwi: "Magħna-hu-El:"
Għaliex mela, o Ħanin, fuq art għajjura
Għandu jagħleb Kajjin u jmut Abel! ?

Dun Karm.

## MERHLA NGHAG

F'baħar tan-nar niżlet ix-xemx: id-dija
Għadha titnikker bejn is-sema w l-ilma.
Bdiet taqa' r-reżħa ta' lejla xitwija,
Xi kewkba 'l hawn u 'l hinn diġa bdiet tilma.

Tisma' għaddej il-mixi tar-ragħajja
U tara merħla ngħaġ tkarkar quddiemhom:
U f'dak is-skiet (donnu ħaġa bla ħajja)
Ta' dawk in-nies beżlin tisma' ġej kliemhom.

Waqt li band'oħra qiegħda tmut bil-qabda
In-nies fi ġlieda ta' mibegħda w biża',
Waqt li band'oħra fl-art, fid-demm, imsabbta
Jinsabu, fl-aħħar raqda, tfal u nisa,

Hawn m'hawnx ħlief skiet: *biss* jaqa' taħt għajnejja
Xi kelb għassies jew merħla ngħaġ għaddejja.

Ġużè Chetcuti.

30/X/'40.